Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 34/2018

**Joseph Vella (I.D. 452761M)**
**(appellat)**

**Vs**

**MAPFRE MSV Life p.l.c. (C15722)**
**(appellanti)**

25 ta' Marzu, 2019.

1. Dan huwa appell minn żewġ deċiżjonijiet preliminari u dik finali li ta l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fil-każ bin-numru 019/2017 fl-ismijiet premessi.

2. Mill-atti jirriżulta li:-

2.1. Permezz ta' ilment li sar fit-18 ta' Jannar 2017, l-appellat ippremetta li:

- fit-18 ta' Settembru 1991 huwa kien akkwista '*Endowment Assurance with Profits and Accidental Death Benefit'* mingħand l-predeċessur tal-intimata, ossija, *Middle Sea Insurance Co Ltd;*
- l-imsemmija polza kienet għal 25 sena u timmatura fit-8 ta' Lulju 2016;
- l-assikuratriċi ntrabtet li '*estimated maturity value for this life policy is approximately Lm10,104';*
- huwa ħallas il-*premia* kollha sal-maturità;
- permezz ta' ittra datata 10 ta' Ġunju 2016 l-assikuratriċi nfurmatu l-polza kienet sejra timmatura u li kien intitolat jipperċepixxi €14,161.67;
- huwa informa lill-intimata li ma qabilx mal-ammont offrut billi dan kein ferm inferjuri għall-ammont mwiegħed lilu; u li
- l-intimata ċaħdet il-pretensjoni tiegħu abbażi tal-ġustifikazzjoni li l-*maturity value* kien marbut mal-'*underlying investment performance'.*

L-appellant beda proċeduri quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u talab li jingħatatlu kumpens ekwivalenti għal dak li kien ġie mwiegħed lilu li kien sejjer jipperċepixxi mal-maturità tal-investiment tiegħu u ċioé li jitħallas mingħand l-intimata s-somma ta' €29,712.33 ekwivalenti għal Lm12,755.49 kif ukoll imgħaxxijiet mid-data tal-maturità tal-investiment u bl-ispejjeż.

2.2. Fl-20 ta' Jannar 2017 l-intimata ġiet notifikata[1] b'dan l-ilment li ntbagħtilha flimkien ma' *covering letter* mill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjari tinfurmaha li a tenur tal-artikolu 22(3)(ċ) Kap. 555 kellha 20 jum sabiex tippreżenta risposta. Minkejja dan hija wieġbet fil-21 ta' Frar 2017;[2]

2.3. Fl-ewwel udjenza tat-23 ta' Mejju 2017, peress li r-risposta daħlet tardivament u l-provditur tas-servizz hu kontumaċi, l-Arbitru ta ċans lill-provditur tas-servizz jiġġustifika l-kontumaċja;

2.4. Permezz ta' rikors ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2017,[3] l-intimata talbet lill-Arbitru jogħġbu jammetti in atti r-risposta tagħha għall-ilment. Ibbażat it-talba tagħha fuq is-segwenti motivazzjonijiet:

- bi żball ikkalkolat 20 jum utli minflok għoxrin jum;
- peress li r-risposta ġiet ippreparata kemm bil-Malti kif ukoll bl-ingliż ħadet aktar ħin biex tiġi preparata;
- fiż-żmien tal-ilment, kienet għadha fit-transazzjoni bejn il-metodu ta' kif wieħed jitratta dwar l-ilmenti mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-metodu ġdid dwar trattar ta' ilmenti mal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji;

2.5. Fis-27 ta' Settembru 2017[4] l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ddeċieda li ma ngħatat l-ebda raġuni tajba li tiġġustifika l-kontumaċja u għalhekk qies il-provditur tas-servizz bħala kontumaċi u t-tweġiba tardiva. Madanakollu, peress li l-kontumaċja mhix ammissjoni, ikkonċeda lill-provditur tas-servizz jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-każ fi stadju ulterjuri;

[1] Fol. 23.
[2] Fol. 32.
[3] Fol. 45 – 46.
[4] Fol. 47 – 51.

2.6. Xehed biss l-ilmentatur Joseph Vella li ppreżenta xi dokumenti[5] u ġew preżentati n-noti ta' sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet;[6]

2.7. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Marzu 2018,[7] l-Arbitru laqa' t-talba tal-ilmentatur *in parte* u ordna lill-*MAPFRE MSV Life p.l.c.* tħallsu s-somma ta' €20,000.

3. Il-provditur tas-servizzi finanzjarji appella mis-segwenti:

3.1. mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fil-verbal tat-23 ta' Mejju 2017 fejn ġie ddikjarat li l-appellanti hi kontumaċi;

3.2. mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji tas-27 ta' Settembru 2017 li biha ċaħad it-talba tal-appellanti għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja; u

3.3. mid-**deċiżjoni finali** mogħtija fit-13 ta' Marzu 2018.

4. L-<u>aggravji</u> tas-soċjetà appellanti huma:

i. kien hemm raġunijiet ġusti u validi li fid-dawl tagħhom ma kellhiex titqies kontumaċi b'dan illi l-Arbitru kellu jaċċetta r-risposta tagħha u jippermettilha tressaq il-provi tagħha;

ii. f'kull każ, il-kontumaċja hija kontestazzjoni b'dan illi l-Arbitru kellu jiżen s-sottomissjonijiet varji minnha mressqa;

iii. l-Arbitru ma kellux ġurisdizzjoni jisma' t-talbiet fil-mertu;

iv. f'kull każ, l-atturi ma ressqux l-aħjar prova u kien hemm nuqqas ta' apprezzament u apprezzament żbaljat tal-provi/sottomissjonijiet mertu ta' l-ilment;

v. l-informazzjoni mogħtija mis-soċjetà appellanti fil-mument tal-bejgħ tal-polza kienet skont ir-regolamenti fis-seħħ tas-sena 1991;

[5] Fol. 57 – 62.
[6] Fol. 63 – 64 u 65 – 71 rispettivament.
[7] Fol. 76 – 84.

vi. ma ġietx osservata l-ġustizzja naturali fid-determinazzjoni tal-kumpens favur l-appellat.

5. L-appellat wieġeb li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma in *toto* d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fit-13 ta' Marzu 2018.

**Konsiderazzjonijiet.**

6. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti tilmenta li kien hemm raġunijiet ġusti u validi li fid-dawl tagħhom ma kelliex titqies kontumaċi b' dan illi l-Arbitru kellu jaċċetta r-risposta tagħha u jippermettilha tressaq il-provi tagħha.

7. Huwa inkontestat li s-soċjetà appellanti rċeviet l-ilment fl-20 ta' Jannar 2017,[8] hekk kif jirriżulta wkoll mill-pink card relattiva.[9] Flimkien ma' l-ilment intbagħtitilha ukoll *covering letter* mill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjari **tinfurmaha b'tipa grassa** li a tenur tal-artikolu 22(3)(ċ) Kap. 555 kellha 20 jum sabiex tippreżenta risposta.[10] **Minkejja dan, it-tweġiba tagħha waslet fl-Uffiċċju tal-Arbitru fil-21 ta' Frar 2017.**[11]

8. L-artikolu 22(3) tal-Kap. 555 jipprovdi:

> *'(3) Arbitru m'għandux jipproċedi li jittratta lment sakemm l-Arbitru ma jkunx:*
>
> *(a) avża lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment bl-ilment;*
>
> *(b) ipprovda lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment dawk id-dettalji li jkunu jippermettulha li tagħti risposta fuq l-ilment; u*
>
> *(ċ) ipprovda lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment opportunità li tippreżenta r-risposta għall-ilment.* ***Dik ir-risposta għandha tintbagħat lill-Arbitru fi żmien għoxrin ġurnata minn meta l-Arbitru jikkomunika l-ilment lill-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment.***
>
> *Il-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment u l-persuna li kontriha jkun qed isir l-ilment għandhom dritt li jkunu rappreżentati u assistiti minn persuna jew persuni tal-fiduċja tagħhom.*

9. L-appellanti tilmenta iżda li hija baqgħet kontumaċi minħabba impedimenti leġittimi. Tibda billi targumenta li meta ġiet notifikata bl-ilment, il-Kap.555 kien

---
[8] Fol. 45.
[9] Fol. 23.
[10] Fol. 21.
[11] Fol. 32.

għadu kif daħal fis-seħħ u kienet għadha ma fehmitx il-proċedura li kellha ssegwi biex tippreżenta r-risposta tagħha b' dan illi hija kienet tal-fehma li kellha għoxrin jum utli minflok għoxrin jum sabiex tippreżenta t-tweġiba tagħha. Tikkontendi inoltré li l-proċedimenti quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji huma informali u għalhekk m'hemmx proċedura fissa. F'dan is-sens tikkwota ukoll l-Artikolu 19(3) tal-Kap.555 tal-Liġijiet ta' Malta li jrid li l-Arbitru għandu jiddeċiedi b'mod *'ġust, ekwu u raġjonevoli', 'jitratta lment b'mod proċeduralment ġust, informali, ekonomiku u mħaffef'* u *'jirregola l-proċedimenti kif jidhirlu xieraq skont ir-regoli tal-ġustizzja naturali';*

10. Hekk kif ingħad minn din il-Qorti f'sentenza reċenti fl-ismijiet ***Daniel u Jacqueline Caruana vs Crystal Finance Investments Ltd***[12]***:***

> *'... t-terminu mogħti lill-provvditur tas-servizz biex jippreżenta tweġiba huwa tassattiv u joħroġ mil-liġi. Dan ma jistax jiġi injorat a bażi tal-prinċipji tal-ekwità, ġustizzja u raġonevolezza, kif pretiż mis-soċjetà appellanti, inkwantu:*
>
> *(i) meta l-intimat jippreżenta tweġiba wara t-terminu kontemplat mil-liġi, l-att fih innifsu hu rritwali għaliex il-liġi tgħid espressament iż-żmien li fih għandha tiġi ppreżentat t-tweġiba;*
>
> *(ii) kieku l-intimat jista' jippreżenta tweġiba fuori termine flimkien mal-provi in sostenn tad-difiża, it-terminu ta' għoxrin (20) jum ikun mingħajr skop;*
>
> *(iii) f'każ li l-intimat ma jweġibx jew jipprezenta tweġiba li hi rritwali, l-preżenza tal-intimat mhijiex biżżejjed sabiex dan ikun jista' jressaq id-difiża u l-provi biex jirribatti għall-pretensjoni tal-attur. Jekk ikun mod ieħor ikun ifisser li wara li l-ilmentatur jagħlaq il-provi, il-konvenut ikun faċilment iressaq difiża u provi kif jaqbillu. L-għan wara t-tweġiba huwa li l-intimat jiddikjara d-difiża tiegħu sabiex l-ilmentatur ikun infurmat u jressaq il-provi li jqies li huma meħtieġa biex jissostanzja t-talbiet u jirribatti d-difiża tas-service provider.'*

11. Stabbilit li t-terminu mogħti lill-provvditur tas-servizz biex jippreżenta tweġiba skont il-Kap. 555 hu perentorju u ma jistax jiġi injorat a bażi tal-prinċipji tal-ekwità, ġustizzja u raġonevolezza, kif pretiż mis-soċjetà appellanti, jmiss issa jiġi mistħarreġ jekk l-appellanti ġġustifikatx in-nuqqas tagħha.

12. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Calleja Noel Et Vs Middle Sea Valletta Life Assurance***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-28 ta' Jannar 2005 ingħad illi:

> *'... l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.'*

[12] deċiża fil-5 ta' Novembru, 2018.

13. Il-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex ġustifikabbli *o meno*, ġew mfissra u elenkati għadd ta' drabi fil-ġurisprudenza. Dawn huma:

> *'(a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali;'*[13]

14. Mill-provi jirriżulta li l-iżball li għamlet is-soċjetà attriċi ma kienx invinċibbli iżda kien dovut għan-nuqqas tagħha. Hekk kif tajjeb iddeċieda l-Arbitru, żball ta' liġi m'huwiex skuża. Dan aktar u aktar meta jiġi meqjus li flimkien mal-ilment l-appellanti rċiviet ukoll *covering letter* mill-Uffiċċju tal-Arbitru, li kienet tgħid espressament u b'tipa grassa li kellha għoxrin (20) jum <u>mid-data tan-notifika</u> sabiex twieġeb *a tenur* tal-artikolu 22(3)(ċ) tal-Kap. 555. Huwa għal kollox insostenibbli għalhekk li l-appellanti targumenta li peress li l-Kap. 555 kien għadu kif daħal fis-seħħ, hija ma kinitx fehmet u saħansitra għadha sal-lum qed tipprova tifhem l-proċedura li kellha ssegwi. L-avviż li rċeviet kien igħid x'kellu jsir, u l-appellanti messha segwiet dak li kien jingħad fl-ittra u ma kienx ikollha problema. Dan apparti li setgħet tagħmel kuntatt mal-Uffiċċju tal-Arbitru u tistaqsi.

15. Inoltre, l-argument li l-appellanti kienet tal-fehma li kella għoxrin jum <u>utli</u> mhux <u>korrenti</u> hu fieragħ. L-artikolu 22 tal-Kap. 555 ma jagħmilx din il-kwalifika. L-avviż li hi stess ġiet notifikata bih igħid *"**<u>għoxrin jum (20)</u>** mid-data tan-notifika ta' din l-ittra"* mingħajr ebda kwalifika. Għalhekk l-appellanti ma setgħetx tifhem l-avviż mod ieħor għajr li kellha għoxrin ġurnata sabiex twieġeb.

16. L-appellanti ssostni ukoll li qatt ma seta' jkun hemm kontumelija u dispett meta wieħed jinnota illi l-appellat stess ippreżenta, flimkien mal-ilment tiegħu, ittra mibgħuta minnha bi tweġiba għall-ilment tal-appellat (**Dok. D**) li fis-sustanza tagħha hija identika għal dik ir-risposta minnha ppreżentata bħala tweġiba

[13] ***Galea Cavallazzi Dr. Aaron Noe Vs Asfaltar Limited,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2014.

għall-ilment. Għalhekk ma kien hemm l-ebda preġudizzju lejn ir-rikorrent għaliex ġa kellu f' idejh '*ir-risposta*' tagħha.

17. Il-fatt li r-risposta ppreżentata tardivament mill-appellanti hija identika għat-tweġiba li hija kienet tat lill-appellat meta huwa kien kitbilha bonarjament qabel ma ġie ntavolat l-ilment ma jimmilitax favur l-appellanti. Anzi, jikkonferma l-fatt li l-appellanti setgħet ippreżentat it-tweġiba tagħha ħafna qabel, iżda m'għamlitx hekk b'negliġenza u mhux għaliex it-tweġiba ħadet il-ħin biex tinkiteb, kif allegat minnha fir-rikors tal-25 ta' Mejju 2017.[14] Isegwi li l-appellanti ma kellha l-ebda impediment leġittimu li waqqafha milli twieġeb *entro* t-terminu mogħti lilha.

18. L-appellanti tallega ukoll li ċ-ċaħda tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji sabiex hija titħalla tressaq risposta u provi dwar il-mertu tal-każ ikkundizzjonat l-*iter* tal-kawża bi ksur tad-dritt tagħha għal *audi alteram partem*.

19. Dan l-argument ma jreġix. Hekk kif imfisser mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruġġier v. Joseph Oliver Ruġġier f'ismu propju u għall S.O.C. & K. Limited et*** deċiża fit-3 ta' Frar, 2009:

> *'20. Qabel ma l-Qorti tibda tindaga dwar il-fatti speċifiċi tal-każ odjern, jidher opportun li jsiru xi osservazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar l-istitut tal-kontumaċja u r-relazzjoni li dan l-istitut għandu mal-kunċett tas-smigħ xieraq li jinsab sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.* ***Relevanti taħt dana l-aspett huwa wkoll il-prinċipju fundamentali tal-ġustizzja naturali u ċioe` dak tal-audi alteram partem. Fil-fehma tal-Qorti l-istitut tal-kontumaċja m'huwiex fih innifsu inkompatibli mal-imsemmi prinċipju tal-ġustizzja naturali u ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dana għaliex id-dritt tal-konvenut li jidher għal-proċess ġudizzjarju u jiddefendi ruħu kontra t-talbiet li jsiru kontrieh ma jistgħax jitqies f'termini assoluti għaliex tali dritt jista' jiġi rrinunzjat****. Ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tirrikjedi li jinstab bilanċ raġjonevoli bejn dan id-dritt ta' smigħ xieraq li kull konvenut huwa ntitolat għalih min-naha wahda, u bejn id-dritt tal-attur u l-interess tal-ġustizzja in ġenerali min-naħa l-oħra, sabiex il-proċess ġudizzjarju mibdi jkun jista' jieħu il-kors normali tiegħu. Jekk dan il-bilanċ ma jinstabx, il-proċess ġudizzjarju jista' jsir unikament dipendenti fuq il-volonta` tal-konvenut, u b'hekk l-istess proċess jista' jisfa' indebitament intralċjat minn dak il-konvenut li jkun malintenzjonat.'*[15]

20. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

---

[14] Fol. 45.

[15] Prinċipju li ġie mtenni fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Rea Ceramics Limited (C 23288) v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha*** deċiża fit-18 ta' Lulju 2014.

21. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti tilmenta mbagħad li, f'kull każ, il-kontumaċja hija kontestazzjoni b'dan illi l-Arbitru kellu jiżen s-sottomissjonijiet u l-argumenti varji minnha mressqa.

22. Kieku l-Arbitru qies il-kontumaċja tal-appellanti bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li ntalab mill-ilmentatur, kif allegat mill-appellanti, it-talbiet kollha tal-ilmentatur kienu jiġu akkolti fl-ewwel udjenza mingħajr il-ħtieġa li jinstemgħu jew jiġu kkunsidrati provi ta' xejn. Iżda dan ma kienx il-każ. Jirriżulta manifest mill-proċess u d-deċiżjoni appellata, li l-Arbitru laqa' *in parte* t-talba tal-ilmentatur a bażi tal-provi mressqa in atti, ossija, ix-xhieda tal-ilmentatur hekk kif korraborata mid-dokumenti li ppreżenta.

23. Is-sottomissjonijiet li l-appellanti ressqet quddiem l-Arbitru kienu dwar: l-allegata inkompetenza tal-Arbitru; l-allegata nkonsistenza bejn ix-xhieda tal-ilmentatur u l-provi minnu mressqa; il-maturity value kien '*estimated*'; is-*sum assured* biss kienet garantita; il-bejgħ sar ai termini tar-regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgħ tal-polza; il-karatteristiċi tal-polza ġew osservati; u li l-ammont mitlub huwa eċċessiv. Dawn l-argumenti ġew allaċjati mall-provi in atti, partikolarment l-ittra minnha mibgħuta lill-appellat fis-6 ta' Settembru 2016 permezz ta' liema spjegat lill-ilmentatur għalfejn hija m' aċċettatx il-pretensjonijiet tiegħu.[16]

24. Dwar jekk l-Arbitru kellux kompetenza sabiex jisma' u jiddeċiedi l-każ, iddeċieda:

> *'Il-provditur tas-servizz ma jistax jinqeda bin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu biex jipprova jdahhal provi ohra jew iqajjem difizi li ma setax jaghmel, kif ittanta jaghmel f'dan il-kaz, sahansitra jqajjem eccezzjonijiet ta' natura preliminari fosthom il-gurisdizzjoni tal-Arbitru.*
>
> *F'dan ir-rigward, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza fl-ismijiet Keith John Abela Fitzpatrick kontra Salvatore Cutajar u Leonarda Cutajar, deciza fl-14 ta' Novembru 2011, qalet:*
>
> *'Din il-Qorti tghid fl-ewwel lok li ghalkemm il-konvenut Salvatore Cutajar baqa' kontumaci, li titqies bhala kontestazzjoni tal-istanza attrici, huwa pprezenta nota ta' osservazzjonijiet li hija l-unika mezz li jaghtih il-Kap. 12 sabiex iressaq issottomissjonijiet tieghu fuq il-provi akkwiziti.*
>
> *Ma jistax konvenut, fi stat ta' kontumacja, jinqeda b'nota ta' sottomissjonijiet sabiex iressaq provi ta' kwalunkwe natura. B'riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Salvatore Cutajar fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid mill-ewwel illi hija sejra tiskarta kwalunkwe accenn ta' prova gdida min-naha tieghu, billi dik mhijiex ammissibbli, u taccetta biss u esklussivament sottomissjonijiet minn tieghu dwar provi akkwiziti.'*

[16] 'Dok D.' fol. 17 – 20.

*L-Arbitru jhoss li ghandu jimxi fuq dan l-insenjament.'*

25. Il-fatt li l-Arbitru ddeċieda li l-appellanti ma setgħetx tqajjem l-kwistjoni tal-kompetenza tiegħu permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet preżentata fl-aħħar tal-proċeduri, ma jfissirx li tali kwistjoni ġiet injorata. Il-korrettezza legali *o meno* tal-mod kif l-Arbitru ddispona minn tali preġudizzjali, hija mbgħad kwistjoni oħra. Din se tiġi ttrattata fit-tielet aggravju.

26. Fil-meritu mbagħad, id-deċiżjoni tal-Arbitru hija ben motivata u tindirizza b' mod sodisfaċenti l-kwistjonijiet prinċipali sollevati mill-partijiet. Ladarba l-Arbitru qies, fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, l-argumenti mqajjma mill-partijiet fil-kumpless taggħhom, dan l-aggravju jirriżulta nfondat. Huwa prinċipju paċifiku fil-ġurisprudenza li:

> *'... biex jista' jingħad li s-sentenza tiddifetta fil-motivazzjoni tagħha irid jintwera fl-assjem li teżisti defiċjenza objettiva tal-kriterju li wassal lill-ġudikant għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu ...* ***ġudikant ma huwiex tenut li joqgħod jivvaluta singolarment ir-riżultanzi proċesswali kollha jew li jikkonfuta l-argomentazzjonijiet kollha tal-partijiet b' rikjam għal-liġi. Hu suffiċjenti li wara li javvaluta l-argomenti ta' naħa u ta' oħra fil-kumpless tagħhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaża l-konvinċiment tiegħu****.* ***Impliċitament, għandu jkun bil-wisq loġiku, illi r-riljevi jew ċirkustanzi oħra li ma sabux posthom fis-sentenza kienu qed jitqiesu mill-ġudikant bħala inkompatibbli mad-deċiżjoni adottata****.'*[17]

27. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

28. Permezz tat-**tielet aggravju** l-appellanti tilmenta li l-Arbitru ma kellux ġurisdizzjoni jisma' t-talbiet fil-mertu. Tibbaża dan l-argument fuq l-artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 li jipprovdi kif ġej:

> *'Arbitru għandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 19(1) fir-rigward* ***tal-imġiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun seħħet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara****:*
>
> *Iżda lment dwar imġiba li tkun seħħet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidħol fis-seħħ.'*

29. L-appellanti tikkontendi li minn dan l-artiklu joħroġ ċar illi l-Arbitru għandu kompetenza li jisma' lmenti fir-rigward tal-imġieba ta' provditur tas-servizz

[17] ***Joseph u Lorenza konjugi Mercieca vs Melvin u Josephine konjugi Depasquale,*** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 24.05.2006.

finanzjarju li tkun seħħet fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara basta fir-rigward ta' imġiba li tkun seħħet bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' April 2016, l-ilment isir fi żmien sentejn mit-18 ta' April 2016. Tgħid iżda li l-allegat nuqqas ravviżat mill-Arbitru kien fil-mument tal-bejgħ tal-polza in kwistjoni, ossija fis-sena 1991 u għalhekk ma kienx kompetenti biex jiddeċiedi dwaru. Iżżid ukoll li minkejja li hija kienet kontumaċi, huwa paċifiku li l-kompetenza *ratione materiae* hija ta' ordni pubbliku u għalhekk l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji kien fid-dover li jissolleva hu stess tal-kwistjoni ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u jiddeċiedih.

30. Għalkemm huwa minnu li parti kontumaċi m'għandiex tinqeda bin-nota ta' sottomissjonijiet biex tressaq eċċezzjonijiet jew provi li ma setgħux jiġu mressqa minnha minħabba l-istat ta' kontumaċja tagħha, kwistjoni dwar ġurisdizzjoni hi ta' ordni pubbliku sollevabbli wkoll *ex officio.*

31. Skont Artikolu 22(2):

> *'**malli jitressaq l-ilment**, l-Arbitru **<u>għandu</u>** jiddeċiedi jekk l-ilment jaqax fil-kompetenza tiegħu.'*

32. Għal dan il-għan, l-Artikolu 22(4) tal-Kap. 555 saħansitra jagħti lill-Arbitru s-setgħa li jagħmel inkjesta preliminari fir-rigward:

> *'(4) Arbitru **jista'** jagħmel inkjesta preliminari għall-fini li jiddeċiedi jekk ilment għandux jiġi investigat taħt din it-Taqsima, u jista' jitlob lill-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment sabiex tipprovdi informazzjoni ulterjuri f'perjodu ta' żmien speċifikat:*
>
> *Iżda l-Arbitru jista' jiddeċiedi li ma jkomplix jittratta lilment jekk il-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment tonqos milli tkun konformi ma' talba biex tagħti informazzjoni ulterjuri fiż-żmien speċifikat mill-Arbitru.'*

33. Għalkemm il-fakoltà mogħtija lill-Arbitru *a tenur* tas-subparagrafu (4) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 555 taqa' fid-diskrezzjoni tiegħu, mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-subinċiż (2).

34. F'dan il-każ, ma jirriżultax li l-Arbitru ikkunsidra dak li jrid subinċiż (2) tal-artikolu 22 <u>meta tressaq l-ilment quddiemu</u>. Fil-fatt fl-atti m'hemmx deċiżjoni tal-Arbitru li l-ilment jaqa' fil-kompetenza tiegħu.

35. L-appellat wieġeb li minkejja li l-prodott kien inbiegħ lilu fl-1991, kien biss f'għeluq it-terminu tal-polza li huwa sofra l-konsegwenzi tal-ksur tal-wiegħda li kienet għamlet l-appellanti. Ukoll jekk wieħed kellu jħares lejn il-każ taħt l-ottika

ta' *'misselling'*, għandu jitqies li l-imġieba tal-appellanti kienet waħda kontinwa li kompliet tirrikorri sena wara l-oħra sal-jum illi mmaturat il-polza in kwistjoni. F'dan is-sens jagħmel referenza għall-artikolu 21(1)(d) tal-Kap. 555:

> *'Għall-fini ta' dan is-subartikolu, imġiba li tkompli fix-xorta* ***għandha tiġi preżunta li tkun seħħet fiż-żmien meta tkun waqfet****, u imġiba li tkun tikkonsisti minn serje ta' atti jew ommissjonijiet għandha tiġi preżunta li tkun seħħet meta l-aħħar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu seħħu.'*

36. Huwa paċifiku li l-polza '*Endowment Assurance With Profits and Accidental Death Benefit'* inbiegħet lill-appellat fit-18 ta' Settembru 1991.[18] Madanakollu, din kienet tobbliga lill-appellat jħallas *premium* fis-sena <u>għal perjodu ta' 25 sena</u> jew '*until the date of death of the life of assured if earlier'.* Kien bis meta sseħħ waħda minn dawn l-eventwalitajiet li l-appellat kien intitolat għall-ħlas tas-somma meritu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk, l-effett tagħha kien kontinwat sad-data tal-maturità li fil-każ in eżami kien id-data tal-għeluq tal-25 sena.

37. Bħala stat ta' fatt, **il-polza mmaturat fit-8 ta' Lulju 2016**. Minn dak li jirriżulta in atti, **kien biss fl-20 ta' Ġunju 2016 li l-appellat ġie nfurmat mill-appellanti li l-*maturity value* tal-polza kien ta' €14,161.67**, ossija somma ferm inqas minn dak li kien ingħata x'jifhem li ser jirċievi meta xtara l-polza. L-ilment tal-appellat dwar imġieba mhux xieraq tal-appellanti jirreferi proprju għal dan l-avveniment. **Għalkemm l-istess huwa neċessarjament marbut ma' l-obbligi li assumiet il-predeċessur fit-titolu tal-appellanti meta bigħetlu il-polza fl-1991, l-imġieba lamentata tirreferi għan-nuqqas tal-appellanti li tħallas lill-appellant dik is-somma li jippretendi u li jsostni li kellu dritt jirċievi <u>fit-8 ta' Lulju 2016</u>**.

38. Il-Kap. 555 daħal fis-seħħ, fit-18 ta' April 2016[19] u kif spjegat il-każ jaqa' fil-kompetenza tal-Arbitru b'applikazzjoni tal-artikolu 21.

39. Dan l-aggravju qiegħed jiġi għalhekk respint.

40. Permezz tar-**raba' aggravju** l-appellanti tilmenta li f'kull każ, l-appellat ma ġabx l-aħjar prova li turi responsabbilità tagħha u ċertament mhux fl-ammonti li ġiet ordnata tħallas. Ittenni ukoll il-lanjanza diġa trattata permezz tat-tieni aggravju, ossija li l-Arbitru ma qiesx l-argumenti minnha mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kif ukoll li prova li saret permezz ta' l-ittra datata 6 ta'

---

[18] Fol. 5 u 11.
[19] Avviż Legali 132 tal-2016.

Settembru 2016, eżebita mill-appellat stess bħala 'Dok D'. Abbażi ta' dawn l-atti, l-appellanti hija tal-fehma li l-Arbitru ma setagħax jikkonkludi li '*imkien ma ġie ppruvat bil-maqlub'* li qabel ma ttieħdet il-polza l-ilmentatur ġie mwiegħed is-somma ta' madwar Lm10,000. Tgħid li hija ma kkontestatx il-provi għaliex kienet kontumaċi iżda kien evidenti mis-sottomissjonijiet tagħha kif ukoll l-ittra tas-6 ta' Settembru 2016 li l-pożizzjoni tal-appellat kienet qed tiġi kontestata.

41. Mingħajr ħsara għall-fatt li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi li jsir quddiem l-Arbitru, dan l-ilment huwa fieragħ. Ovvjament xorta kien l-obbligu tal-appellat li jagħti prova ta' dak li qiegħed isostni fil-konfront tal-appellanti. Iżda l-kontestazzjoni li l-appellanti ressqet permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, *per se*, m'hijiex prova.

42. Min-naħa l-oħra, l-ittra tal-appellanti datata 6 ta' Settembru 2016 eżebita mill-appellat stess a fol. 17 sa 20, tikkostitwixxi biss prova tal-motivazzjonijiet mogħtija lill-appellat meta ġiet miċħuda l-pretensjoni tiegħu. Iżda l-informazzjoni hemm kontenuta:

- **fl-ebda waqt ma ġiet konfermata bil-ġurament minn xi rappreżentant tal-appellanti** – m'hijiex skuża li l-appellanti ma setgħetx tagħmel dan għaliex kienet kontumaċi ladarba dan kien konsegwenza tan-nuqqas tagħha li twieġeb *entro termine;* u
- **ma tista' sservi biex iggib fix-xejn dak li xehed l-appellat** għal dak li jirrigwarda x'kien ġie mwiegħed lilu meta xtara l-polza.

43. L-appellanti tilmenta ukoll li l-Arbitru straħ fuq ix-xhieda inveritjiera tal-appellat in kwantu filwaqt li xehed li ma kiex jixtri l-polza kieku ma ngħatax l-ittri eżebiti bħala Dok AK[20] u Dok AK2[21], jirriżulta li dawn id-dokumenti nħarġu wara l-bejgħ tal-polza in kwistjoni.

44. Mill-polza eżebita a fol. 11 tirriżulta l-informazzjoni segwenti:

*'SUM ASSURED : Lm 2,650 (MALTESE LIRI TWO THOUSAND SIX HUNDRED FIFTY)*

*THIS POLICY SHALL PARTICIPATE IN PROFITS*

*PREMIUMS*

[20] Fol. 60.
[21] Fol. 61.

*AMOUNT : LM 122.90*

*WHEN PAYABLE : YEARLY ON THE 04/09/1991 AND THEREAFTER ON THE FIRST DAY OF EVERY JULY*

*PERIOD OF PAMENT : FOR A PERIOD OF 25 YEARS FROM 08/07/1991 OR UNTIL THE DATE OF DEATH OF THE LIFE ASSURED IF EARLIER*

*THE PREMIUM INCLUDES LM 2.65 FOR ACCIDENTAL DEATH BENEFIT*

---

*SPECIAL CONDITIONS: SEE ANNEXURE A*

---

*DATE OF PROPOSAL : 29/08/1991 COMMENCEMENT DATE: 08/07/1991*

*DATE OF POLICY SIGNED: 18/09/1991 MATURITY DATE: 08/07/2016*

45. '**Dok AK**' a fol. 60 hija mbgħad ittra datata 3 ta' Ottubru 1991 fejn Middle Sea Insurance Co Ltd ippremettiet kif ġej:

> *'We refer to our **various telephone calls** when you asked us to give you a written description of your policy. We would first ask you to apologise **for the delay in writing to you**.*
>
> *...*
>
> *If ... you survive the 25 year period, the Company will pay the Sum Assured plus the bonuses accrued. **The estimated maturity value for this policy is approximately Lm10,104** ...'*

46. Kollox jindika għalhekk li minkejja din l-ittra inħarġet wara li ġiet iffirmata l-polza, l-**informazzjoni hemm kontenuta kienet probabbilment tirrifletti bil-miktub dik l-informazzjoni dwar il-polza li kienet preċedentement ngħatat lill-appellat bil-fomm mill-persuna li biegħet il-polza lill-appellat**. Fil-fatt, l-appellat xehed:

> *'bħala assigurazzjoni li **qal li se jagħtini** Wallace Falzon kienet din l-ittra li qed ngħaddi lill-Arbitru, Dok AK. Ngħid li kieku ma tawnix din l-ittra, jien ma kontx se nidħol fiha. Nispjega aħjar li **wara li qalli se se jibgħathieli bil-miktub, komplejna nitkellmu**'.*[22]

47. Kliem li jikkonferma li meta xtara l-polza kien ġie mwiegħed li jingħata ittra f' dak is-sens u kien abbażi t' hekk li huwa pproċeda. M'hemm xejn kontradittorju

---

[22] Fol. 58

f'dan, u l-verżjoni tal-appellat hija korraborata mill-ewwel paragrafu tal-ittra nnifisha.

48. '**Dok AK2**' hija mbagħad '*Life Assurance Quotation*' maħruġa fil-11 ta' Novembru 1991. Fiha jingħad, *inter alia,* li:

> *'BENEFITS*
>
> *Sum Assured: 2,650.00*
>
> *Maturity Value: 10,105.49*
>
> *The **projected value** does not include the terminal bonus that may be declared by the company*
>
> ---
>
> *SURRENDER VALUES*
>
> *If the policy is surrendered, the projected amounts payable at the end of the 5th, 10th, 15th, 20th years would be respectively. These values cannot be guaranteed.*

| *5th Year* | *10th Year* | *15th Year* | *20th Year* |
|---|---|---|---|
| *448.71* | *1,280.35* | *2,767.96* | *5,365.53'* |

49. Ma jagħmel l-ebda sens li persuna tingħata stima ta' xi ħaġa wara li tkun diġa xtrat l-oġġett/servizz relattiv. Huwa ovvju għalhekk li għalkemm id-data riportata fuq dan id-dokument hija sussegwenti għall-iffirmar tal-polza, l-informazzjoni hemm kontenuta ġiet redatta qabel. Din il-Qorti konsegwentement temmen il-verżjoni tal-appellat fis-sens illi dan id-dokument jirrifletti dak li kien ġie mwiegħed lilu qabel ma sar il-bejgħ tal-polza.

50. L-appellat **baqa' jħallas** il-*premium* kull sena għal 25 sena sal-maturità. Isegwi li baqa' bl-istess understanding li kien ingħata meta xtara l-polza. Isegwi għalhekk li, għalkemm '**Dok AK**' u '**Dok AK2**' nħarġu formalment wara li ġiet iffirmata l-polza, il-pagamenti relattivi li huwa għamel matul is-snin saru fid-dawl tal-kontenut tal-istess. M'hemmx dubju għalhekk li dak dikjarat fl-imsemmija dokumenti, jorbot lill-partijiet.

51. L-appellanti tkompli l-aggravju tagħha billi ssostni li l-appellat stess aċċetta li l-valur ikkwotat kien *estimated* mhux garantit. Dan m'huwiex il-każ. L-appellat xehed:

> *'kieku kont naf li mhux se nieħu l-Lm10,000 fl-aħħar tal-25 sena, ma kontx noħodha din il-policy.'*

52. L-appellanti mbagħad telabora dwar il-kelma '*estimated*' riportata f'dik il-parti ta' '**Dok AK**' fejn ingħad li '*The **estimated** maturity value for this policy is **approximately** Lm10,104*'. Targumenta li tali *estimate* sar abbażi tal-informazzjoni li hija kellha dakinhar u ma setgħat bl-ebda mod tbassar x'kien se jkun il-maturity value f'25 sena.

53. Bla dubju l-appellanti ma setgħetx tipproġetta l-kundizzjonijiet tas-suq għal 25 sena. Il-pern tal-każ odjern m'huwiex dan. Dak li jrid jiġi determinat iżda huwa x'obbligazzjonijiet intrabtet bihom l-appellanti meta biegħet l-prodott finanzjarju in kwisjtoni lill-appellat u jekk l-appellant tpoġġiex f'posizzjoni li jifhem li s-somma mwiegħda ma kinitx garantita'.

54. Fil-fehma tal-Qorti, meta f'każ simili konsumatur jingħata stima, salv f'każijiet fejn issir *disclaimer* speċifika, tinħoloq aspettattiva fil-konsumatur li bejn wieħed u ieħor dak hu l-valur li ser jirċievi. F'dan il-każ, ma saret l-ebda kwalifika jew *disclaimer* meta l-appellat ingaħta '*estimated maturity value*' u għalhekk kellu raġun jippretendi li kien sejjer jipperċepixxi *piu o meno* dak l-ammont wara 25 sena. Tali aspettattiva ġiet ukoll rinforzata bl-użu tal-kelma '*approximately*', kelma li tindika li ma kellux ikun hemm avarija kibra bejn l-ammont stmat u l-'*maturity value*' effettiv.

55. Għalhekk, kif tajjeb sostna l-Arbitru, l-appellat ingħata kull preżuppost biex jifhem u jemmen li mal-maturità kien ser jirċievi bejn wieħed u ieħor is-somma ta' Lm10,000. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis id-diċitura ta' '**Dok AK2**'. **F'dan tal-aħħar, filwaqt li ngħad li s-*surrender values* '*cannot be guaranteed*', l-ebda kwalifika simili ma saret dwar il-*maturity value*.** Dikjarazzjoni anzi li tagħti lill-konsumatur x'jifhem li l-*maturity value* kkwotat kien garantit.

56. L-aggravju tal-appellanti huwa għalhekk infondat. Jekk l-appellanti deherilha li hija ma kinitx f'pożizzjoni tipproġetta l-*maturity value* tal-polza, kellha tinforma b'dan lill-appellat ***a tempo vergine,*** mhux tinduċieħ jemmen li kien se jipperċepixxi somma flus meta sar il-bejgħ u <u>wara 25 sena</u> toħroġ bl-argument li *maturity value* indikat minnha <u>**f' żewġ dokumenti**</u> kien mingħajr garanzija.

57. L-appellanti tirreferi ukoll għal *statements* li kienet tibgħat annwalment lill-appellat. Dan il-fatt ma ġiex kontestat iżda l-i*statements* m'humiex fl-atti. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tasal għal konklużjoni li minn dawn l-*istatements* kien '*ċar illi l-maturity value ma kienx garantit*', kif allegat mill-appellanti.

58. L-appellanti rreferiet ukoll għall-każ ***Decision Reference DRN0981205*** deċiż mill-Ombudsman għas-Servizzi Finanzjarji tar-Renju Unit fis-26 ta' Mejju 2017. Id-differenza bejn dak il-każ għal dak odjern hija li *The Royal London Mutual Insurance Society Limited,* ossija l-provditur tas-servizz f'dawk il-proċeduri, kienet spjegat lill-ilmentatur '*that any projected values during the term of the policy were **based on assumed rates**'.* Inoltre, fil-każ ta' *The Royal London Mutual Insurance Society Limited* l-ilmentatur '*was aware that the returns on his funds could fluctuate*' u '*Royal London set out how the With Profits fund would be managed. Its guide to "How we manage our With Profits fund" **clearly stated that "Final bonuses are NOT guaranteed in any circumstances"***', u '***he wasn't ever promised that the "target" amount would be achieved***'.[23] Ċirkostanzi li ma nsibux fil-kaz in eżami.

59. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

60. Il-**ħames aggravju** tal-appellanti huwa mbagħad illi l-informazzjoni mogħtija minnha lill-appellat fil-mument tal-bejgħ tal-polza kienet skont ir-regolamenti fis-seħħ fis-sena 1991. F'dan il-kuntest tikkontendi li l-liġi applikabbli hi l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigrazzjoni (Kap. 403 tal-Liġijiet ta' Malta).

61. Id-deċiżjoni tal-Arbitru ma tgħidx li l-polza in kwisjoni inbiegħet illegalment. Dak li ġustament iddeċieda l-Arbitru kien li l-mod kif inbiegħat l-polza, anké fil-kuntest tal-garanziji li ngħataw lill-ilmentatur bil-miktub, wassal lil dan tal-aħħar biex jifforma aspettativa leġittima li baqgħed ovvjament hemm matul is-snin, li wara 25 sena li matulhom dejjem ħallas il-*premium* stabbilit, kien se jirċievi bejn wieħed u ieħor is-somma ta' **Lm10,000**. Tali aspettativa trid tiġi onorata bħal kull obbligazzjoni oħra naxxenti minn rabta kuntrattwali. Ma ġiet kwotata l-ebda liġi allegatament applikabbli fiż-żmien in kwistjoni li teżonerah minn dan.

62. L-aggravju hu miċħud ukoll.

63. Permezz tas-**sitt** u l-aħħar **aggravju** tal-appellanti tilmenta l-Arbitru m' osservax il-ġustizzja naturali fid-determinazzjoni tal-kumpens favur l-appellat. F'dan il-kuntest hija tagħmel referenza għal kawża oħra li fil-fehma tagħha hija identika għal dik odjerna fl-ismijiet ***Tarcisio Tabone vs Mapfre MSV Life p.l.c.*** fejn minkejja li l-Arbitru laqa' l-argument tal-ilmentatur, tah kumpens inferjuri għal dak minnu pretiż. Tikkontendi li sussegwentement, kull deċiżjoni li ngħatat mill-Arbitru kien jirrifletti l-kumpens li kienu qed jippretendu jew kważi

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.

jippretendu l-ilmentaturi. Tisħaq li fl-interess tal-konsistenza u l-ġustizzja hija ma messiex ġiet ordnata tħallas il-kumpens likwidat mill-Arbitru. Issostni ukoll li d-deċiżjoni tal-Arbitru tmur kontra ħafna deċiżjonijeit mogħtija mill-*Financial Ombudsman Service* tal-Ingilterra.

64. Dwar il-kumpens l-Arbitru għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *'Ghal dak li huwa kumpens, l-Arbitru hu konvint li galadarba s-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (€23,293.00) giet indikata bhala wahda 'approssimattiva', din ma kienetx wahda preciza. Però, approssimattiva tfisser li tqarreb lejha kif inhi ddefinizzjoni komuni ta' 'approximately' 'l fuq spjegata. Is-somma li giet offruta meta immaturat il-Polza u, cioè, dik ta' erbatax-il elf, mija u wiehed u sittin ewro u sebgha u sittin centezmi (€14,161.67) mhi approssimattiva xejn.*
>
> *L-Arbitru jista' jasal ghas-somma approssimattiva skont dak li fil-kuxjenza tieghu ihoss li huwa ekwu, gust u ragonevoli, u qed jiffissaha ghall-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000).*
>
> *Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jordna lill-MAPFRE MSV Life p.l.c. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000).'*

65. Il-Qorti ma tirraviża l-ebda inkoerenza fil-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijeit tal-Arbitru. Dwar il-kawża l-oħra ċitata mill-appellanti, jirriżulta li l-istess għadha *sub judice*[24] b' dan illi m'huwiex il-każ li din il-Qorti tippronunzja ruħha dwarha f'din is-sentenza. Kull każ irid jiġi kkunsidrat u deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

66. Dwar id-deċiżjonijiet l-oħra mogħtija mill-Ombudsman fir-Renju Unit, jirriżulta mbagħad li dawn jirreferu għal ċirkostanzi fejn il-provditur tas-servizz kien spjega lill-ilmentatur li l-*bonus rates* futuri ma setgħux jiġu mbassra jew garantiti. Ladarba m'hemmx prova li fil-kaz tal-appellat saret xi kwalifika jew *disclaimer* simili, il-paragun ma jreġix. Min-naħa l-oħra, il-każ numru DRN3688281 kien jirreferi għal ilment ta' natura differenti.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.

[24] 6/2018 AE - ***Tabone Tarcisio Vs Mapfre Msv Life P.l.c.,*** differita għas-sentenza għas-6 ta' Mejju 2019.